MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Laqgħa b'Urġenza

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 76

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fil-Bini Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru, 2017 fis-7.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sa Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

AGENDA

76.1 Ġieħ Santa Venera

MINUTI

Is-Sindku Stephen Sultana ppresieda l-laqgħa.

76.1 Korrezzjoni tat-titlu Aġenda 76.1 – Ġieħ Santa Venera għandha tinbidel u ssir Ġieħ u Mertu Santa Venera.

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana informa lil-membri li kien hemm ħames nominazzjonijiet għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera. Dawn kienu f'isem:

1. Ivan Calleja
2. Carmen Bezzina
3. Fr Maurice Abela
4. Dario u Grecia Bezzina
5. Renzo Cauchi

In-nomina tas-Sur Renzo Cauchi ġiet skwalifikata għax instabet fil-*letter box* tal-Kunsill Lokali fit-23 ta' Settembru, 2017 u għaldaqstant in-nomina ma kienitx ġiet sottometta skont il-linji gwida. Is-Sindku qara r-rapport tal-Kumitat tal-Ġieħ. Dan ir-rapport huwa ffirmat mic-*chiarperson* Dr.Joseph Axiaq.

Il-Kumitat tal-Għazla qabel li n-nomina tas-Sinjura Carmen Bezzina kienet tikklassifika ferm 'il quddiem minn nominazzjonijiet oħra. Dan għaliex is-Sinjura Carmen Bezzina dejjem uriet sens qawwi ta' altruiżmu, sens ċiviku, ħidma volontarja, dedikazzjoni u perseveranza fl-attivitajiet li dejjem organizzat. Dejjem għenet lill-għaqdiet vendriżi fix-xogħol tal-Parroċċa u lill-Knisja. Hija organizzat ġiti barra minn Malta b'risq il-bini tal-Knisja kif ukoll għenet permezz ta' tindif, tiżjin ta' fjuri u ħjata. Tgħin fil-ġbir ta' fondi b'risq il-missjoni, l-istituti tal-Knisja kif ukoll b'risq il-Festa Titulari.

IL-Kumitat irrakkomanda li jistħoqqilhom rikonoxximent il-Kappillan Fr. Maurice Abela kif ukoll Dario u Grecia Bezzina. Il-Kumitat ħalla f'idejn il-Kunsill sabiex jiddeċiedi jekk Dario Bezzina għandux jingħata l-Mertu Santa Venera ġaladarba huwa membru tal-Kumitat tal-Ġieħ Santa Venera.

Is-Sindku informa lill-membri li huwa qabel perfettament ma dak li rrakkomanda l-Kumitat tal-Għażla u li l-nominazzjonijiet eliġibbli għandhom jingħataw il-Premju Mertu Santa Venera. Għaldaqstant il-Premju Ġieħ Santa Venera għandu jingħata lis-Sinjura Carmen Bezzina. Il-Premju Mertu Santa Venera jingħata lill-Kappillan Fr Maurice Abela, Dario u Grecia Bezzina kif ukoll lis-Sur Ivan Calleja.

Il-membri qablu unanimament.

Is-Sur Darren Carabott issuġġerixxa li ġaladarba n-nominazzjoni tas-Sur Renzo Cauchi kienet skwalifikat, Is-Sur Renzo Cauchi jista' jerġa' jiġi nominat sena oħra.

Il-membri qablu unanimament.

Fis-8.30 ta' filgħaxija, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

Ikkonfermati llum 18 ta' Diċembru, 2017.

IFFIRMATA
Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA
Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv